Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 30/2013

**MiddleSea Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata Mairead Gauci Caruana u Bonnici Insurance Agency Limited bhala agenti ta' Middlesea Insurance plc u l-istess Mairead Gauci Caruana Attard Montaldo (appellati)**

**Vs**

**Antonio Mallia (appellant)**

14 ta' Ottubru, 2016.

1. Ir-rikorrent Mallia appella minn decizjoni preliminari tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-24 ta' Ottubru, 2013 li biha cahad l-eccezzjonijiet ulterjuri li nghataw fit-twegiba tad-19 ta' Ottubru 2012 u li bihom il-konvenut argumenta li peress li r-rikorrenti Caruana Montaldo pprezentat ittra ufficjali fis-16 ta' Jannar 2012 fejn allegat li sofriet personal injuri, it-Tribunal tal-Arbitragg m'ghandux il-kompetenza li jisma' u jiddeciedi l-kaz skond l-artikolu 1.2, Parti A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraggi (Kap. 387).

2. L-aggravji tar-rikorrent huma:-

    i. Interpretazzjoni zbaljata tal-l-Art. 1.2, Part A tar-Raba' Skeda (Kap. 387).
    ii. Impossibilita' ta' dritt ta' azzjoni jigi maqsum f'iktar minn kawza wahda.

3. L-intimati pprezentaw twegiba fid-29 ta' Ottubru, 2014 fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. **Fatti** – Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Jannar 2010 fi Vjal Santa Lucija, Paola li fih kienu nvoluti vettura Peugeot 206 (MGM 289) li kienet qeghda ssuq Gauci Caruana Montaldo, u l-vettura Ford Focus (MBS 004) li kien qieghed isuq ir-rikorrent. Fit-30 ta' Marzu 2011, gie registrat l-avviz tal-arbitragg.

5. F'risposta ulterjuri prezentata fid-19 ta' Ottubru, 2012 l-appellant qal:

*"1. Illi in vista tal-fatt illi r-rikorreni Mairead Gauci Caruana Montaldo qieghda tallega (permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 2012 ezebita in atti) illi sofriet minn personal injury u danni ancillari ohra, dan it-tribunal tal-arbitragg ma jgawdix il-kompetenza illi jkompli jisma', jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz ai termini tal-art. 1.2, Part A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta."*

6. Fir-risposta l-appellati qalu li eccezzjoni dwar kompetenza kellha tinghata in *limine litis*. Il-qorti tosserva li f'dan il-kaz il-htiega tal-eccezzjoni nqalghet wara li fil-5 ta' Frar 2011 l-appellant ipprezenta r-risposta tal-arbitragg, gialadarba jidher li l-ittra ufficjali giet prezentata wara r-risposta tal-arbitragg. Kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-appellati, il-fatt li fir-rapport tal-pulizija jinghad li l-appellata sofriet griehi, m'huwiex prova li meta gie pprezentat l-avviz tal-arbitragg kienet tezisti tilwima li ghandha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna.

7. Skond paragrafu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387, ghandu jsir arbitragg mandatorju dwar:

*"Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma'* ***talba ghal danni ghal hsara fil-persuna****, li tkun tilwima li torigina minn:*

*(a) Kollizjoni bejn vetturi,……*

*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

8. Fit-talba fl-avviz tal-arbitragg fil-parti *"Il-kumpens jew ir-rimedju mfittex mir-rikorrent huwa:"*, hu:

*"Il-hlas tal-ammont ta' erbat elef tliet mija u sebgha u tletin Euro (4,337) rapprezentanti d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-incident awtomobilistiku illi sehh nhar it-30 ta' Jannar 2010 gewwa Vjal Santa Lucija, Paola bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MGM 289 proprjeta tar-rikorrenti Mairead Gauci u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MBS 004 misjuqa mill-intimat."*

9. M'hemmx prova li fit-talba tal-arbitragg l-appellati qeghdin jippretendu xi danni ghall-hsara fil-persuna li setat sofriet Gauci Attard Montaldo fl-incident. L-ittra ufficjali li tissemma fit-twegiba ulterjuri, u li kopja taghha ma gietx prezentata, m'hijiex prova li s-somma ta' €4,337 tinkludi danni ghall-hsara fil-persuna. Anzi l-ittra ufficjali hi prova li t-talba fl-avviz tal-arbitragg ma tinkludix hsara fil-persuna in kwantu giet prezentata zmien wara li gie pprezentat l-avviz tat-talba. Li kieku t-talba tinkludi danni ghall-hsara fil-persuna, ma kienx ikun hemm il-htiega li tigi pprezentata ittra ufficjali. Hu evidenti li Gauci Caruana Montaldo giet inkluza bhala rikorrenti ghall-*excess* li hallset lis-socjeta rikorrenti.

10. Fil-fehma tal-qorti ladarba hu evidenti li t-talba fl-avviz tal-arbitragg ma tinkludix talba ghall-hsara fil-persuna, allura ghall-kaz japplika paragrafu 1.2 tal-Parti A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387. It-tilwima li ghandu quddiemu t-Tribunal m'ghandha x'taqsam xejn ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna. Il-fatt li f'incident tat-traffiku persuna tkun sofriet griehi, ma jfissirx li t-Tribunal tal-Arbitragg m'ghandux il-kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi t-talba. Ghalhekk il-qorti taqbel mat-Tribunal li:

*"… jidher li l-intenzjoni tal-legislatur kienet illi jeskludi mill-kompetenza tat-Tribunal tal-Abitragg tilwimiet fejn tkun qieghda ssir talba specifika ghad-danni personali kontestwalment jew indipendentement minn talba ghad-danni materjali."*

Ladarba t-tilwima li t-Tribunal hu mitlub jiddeciedi dwarha m'ghandhiex x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, allura ghandu l-kompetenza biex jisma' u jiddeciedi l-kaz.

11. Fir-rikors tal-appell, l-appellant ghamel riferenza ghall-principju ta' *ne bis in idem* u jinghad li jekk it-Tribunal tal-Arbitragg ikompli jisma' l-kaz u d-decizjoni tkun li l-incident sehh tort tal-appellant,

"…. *Dan ma jaffettwax it-talba ghad-danni personali separata illi qed issir mill-istess rikorrenti? L-istat ta' fatt illi jigi kkrejat bejn il-partijiet ikun ifisser illi d-drittijiet tal-appellant jkunu gew imcahhda ghal kollox ghax ma jkunx qatt inghata l-opportunita' illi jiddefendi ruhu kontra t-talba ghal dawk id-danni personali."*

Il-qorti tosserva:

11.1 L-argument tal-appellant hu bazat biss fuq supposizzjoni. Sal-lum ma jirrizultax li Gauci Caruana Montaldo harrket lill-appellant ghad-danni minhabba hsara fil-persuna.

11.2 It-Tribunal tal-Arbitragg kellu jiddeciedi a bazi tal-fatti u mhux ta' x'jista jigri fil-futur.

11.3 L-appellant semma wkoll il-principju ta' *ne bis in idem* u qal, "*Jekk persuna intimata jkollha tiddefendi ruhha ghal aktar minn okkazjoni dwar l-istess delitt, illi jkun sehh fil-konfront tal-istess persuna u fl-istess cirkostanzi, ma jista' jkun hemm l-eba gustizzja fil-konfront ta' dik il-persuna intimata. Di piu' kwalunkwe azzjoni illi tmur kontra l-principju Ne Bis In Idem, tkun qieghda direttament qed tivjolixxi d-drittijiet fundamentali ta' dik il-persuna illi tkun giet imharrka bhala intimata …."* Fl-ewwel lok dawn m'humiex proceduri kriminali. F'kull kaz jekk fil-futur l-appellata tiddeciedi li tipproponi kawza civili fejn titlob id-danni ghall-hsara personali, l-appellant ser ikollu kull opportunita' li jiddefendi ruhu u jressaq dawk l-eccezzjonijiet li jrid. Il-qorti ma taqbel xejn mal-appellant li l-fatt li t-Tribunal ikompli jisma' u jiddeciedi dan il-kaz, jista' jaghti lok ghal pregudizzju, "*… fid-determinazzjoni tad-drittijiet tieghu…*". Diment li fi proceduri civili jinghata l-opportunita' li jiddefendi ruhu, il-qorti ma tarax li l-appellant ser isofri xi pregudizzju.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat lura l-atti tal-arbitragg lic-Centru tal-Arbitragg sabiex jissokta fis-smiegh tal-arbitragg.**

**Spejjez a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul.